MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2285/2003

**Avviz Numru 2285/03AJD**
**Cutajar Limited**

**vs**

**Gladys Craus**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140.00) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta.
Bl-ispejjes, tal-itra nterpwllatorja tat-12 ta' Gunju 2003 u bl-imghax legali mid-19 ta' Dicembru 2002, id-data tal-konsenja, sal-effettivi pagament.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, li ma jinkludux l-ispejjes ta' ittra legali, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------